**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA, 26 TA' SETTEMBRU, 2001**

**Numru: 14**

**Avviz Nru: 450/01AE**

**Consolidated Biscuit Co Ltd**

**Vs**

**Joseph Attard**

**It-Tribunal**

Ra l-avvizipprezentat mis-socjeta attrici li permezz tieghu qieghed jintalab il-hlas ta' datax-il lira Maltija (Lm19), danni ikkagunati mill-konvenut fil-propjeta tas-socjeta attrici meta saq forklift truck bi speed eccessiv u bi traskuragni u ghamel hsara f'bieb, magna gdida u fl-istess lifter ammontanti ghal Lm19, prevja dikjarazzjoni li l-incident sehh minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut (fol. 8) li permezz taghha ecepixxa:

(1) Preliminarjament in-nullita ta' l-avviz peress li m'hemmx riferenza ghad-data ta' l-allegat incident.
(2) It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li:

(i) Ma kien hemm ebda traskuragni u/jew negligenza da parti tal-konvenut;

(ii) Il-makkinarju pprovdut mis-socjeta attrici kien fil-fatt difettuz;

(iii) Ma sarux danni allegati fl-Avviz u qed jigi kkontestat anke l-quantum.

Ra l-atti u l-verbal tas-seduta tat-18 ta' Settembru 2001 li permezz tieghu l-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.
Ikkunsidra:

1. L-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut hija minghajr ebda bazi. F'kull kaz, fl-ewwel faccata ta' l-avviz tat-talba hemm riferenza ghad-data meta sehh l-incident.

2. Fil-meritu, dan il-kaz jitratta dwar hsara li saret fil-15 ta' Dicembru 2000 fuq propjeta tal-kumpannija Consolidated Biscuit Co Ltd.

3. Illi filwaqt li s-socjeta attrici qeghda tinsisti li l-hsara giet ikkagunata mill-konvenut, huwa qieghed jichad kategorikament li qatt ikkaguna xi hsara.

4. Illi l-incident sehh fil-presenza ta' Joseph Grima, impjegat tas-socjeta attrici, li kkonferma li huwa kien qieghed faccata minn fejn ghadda l-*forklifter* u ra l-incident isehh. Dan ix-xhud ipprezenta pjanta (Dok. JG) tal-post fejn sehh l-incident, u mmarka b'salib ahmar fejn kien qieghed fil-hin ta' l-incident. Dan ix-xhud ikkonferma kif dakinhar ta' l-incident il-konvenut kien qieghed isuq *forklifter*, skond hu bi speed eccessiv. Iddikjara wkoll li l-forklifter baqa' diehel f'tub li fiha ssir it-tahlita. Dan it-tub (tal-hadid) ghandu r-roti u bl-impatt gie mbuttat ghal fuq il-bieb ta' l-istore u t-*tub tilt machine guard*. Qal ukoll li l-konvenut agixxa qiesu qatt ma gara xejn u baqa' sejjer. Meta talbu spjegazzjoni ghalfejn kien agixxa b'dak il-mod, il-konvenut ma wegibx. Bid-daqqa saret hsara fuq l-oggetti msemmija. Jirrizulta li l-bieb issewwa minn impjegat tal-fabbrika filwaqt li l-hsara fuq it-*tub tilt machine guard* issewwiet minn TJ Service Engineering (Dok. JG2) u ghat-tiswija thallset is-somma ta' Lm21.85 (li minhhom Lm2.85 huma VAT).

5. Mill-provi jirrizulta wkoll li s-socjeta attrici tat lill-konvenut l-opportunita sabiex jiehu hsieb jirranga l-hsara li ghamel (ara Dok. JP), izda dan baqa' jikkontesta r-responsabbilta ghall-akkadut.

6. Meta l-konvenut xehed fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2001, cahad kategorikament li huwa baqa' diehel fit-tub. Qal li kien hemm bizzejjed spazju minn fejn seta' jghaddi u ma sehh l-ebda incident. Iddikjara wkoll li l-brejks tal-*forklifter* ma kienux jorbtu. Il-konvenut insista wkoll li t-tubs, ghalkemm ghandhom ir-roti, huma tqal u persuna wahedha tbati biex iccaqlaqhom ghaliex ir-roti ma jahdmux sew.

7. It-Tribunal wara li qies il-provi li ressqu l-partijiet huwa tal-fehma li l-verzjoni moghtija mis-socjeta attrici hija aktar kredibbli minn dik tal-konvenut. It-Tribunal jaghmel ukoll riferenza:

    (i) Ghal dokument JP2 li hija ittra datata 27 ta' Frar 2001 u mibghuta minn Lino Vassallo, segretarju tal-Union Haddiema Maghqudin li rraprezenta lill-konvenut f'dawn il-proceduri. L-argument li tressaq f'din l-ittra ghalfejn il-konvenut ma kellux ihallas is-somma ta' Lm19 huwa peress li *"the tub tilt gate was damaged well before the incident that happened on the 15th December 2000"*.

    (ii) Ghar-risposta (fol. 9 tal-process) li pprezenta l-konvenut fejn sahansitra l-konvenut ecepixxa li l-makkinarju pprovdut mill-kumpannija kien difettuz u b'hekk ma kienx responsabbli ghall-akkadut.

Kif rajna llum il-konvenut biddel il-verzjoni u qieghed jghid li ma sehh l-ebda incident.

8. It-Tribunal lanqas m'huwa sodisfatt li l-*forklifter* li kien qieghed isuq il-konvenut kellu brejkijiet difettuzi u/jew li l-hsara fuq it-*tub tilt gate* kienet saret f'okkazzjoni qabel. Ix-xhud Joseph Grima kkonferma li dan il-forklifter sarlu servicing regolari u fiz-zmien ta' l-incident ma kellu ebda ilmenti li l-brejkijiet ma kienux qeghdin jorbtu.

9. It-Tribunal jifhem li din il-kawza saret iktar sabiex taghti ezempju lill-konvenut, u possibilment lill-impjegati l-ohra, li mhux ser jigi ttollerat li ssir hsara fil-propjeta tas-socjeta attrici minhabba traskuragni ta' l-impjegati. Huwa nkontestat li kull min jaghmel hsara fi hwejjeg haddiehor ghandu jirrispondi ghal dik il-hsara. Jekk kif qal il-konvenut ir-roti tat-tubs huma iebsin u persuna wahedha ccaqlaqhom b'diffikulta, kellu jitlob l-ghajnuna u possibbilment anke l-intervent tal-Union sabiex dan in-nuqqas jigi rimedjat min-naha tas-socjeta attrici. Ghalkemm mid-dokumenti li gew prezentati jidher li s-socjeta attrici ppruvat issib ftehim bonarju ghal din il-kwistjoni, dan baqa' ma sehhx. Wiehed kien jistenna li f'kaz bhal dan jipprevali l-*buon sens* u tinstab soluzzjoni minghajr il-htiega ta' proceduri gudizzjarji. Skond ma xehed il-konvenut huwa ilu mpjegat mas-socjeta attrici ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena u x-xhud Joseph Grima ddikjara wkoll li qabel il-15 ta' Dicembru 2000 qatt ma kien ra lill-konvenut isuq il-*forklifter* b'mod negligenti. It-Tribunal qieghed jaghmilha cjara li din is-sentenza m'ghandhiex isservi sabiex jigi mpost fuq l-impjegat xi kastig li jippregudikalu l-impjieg tieghu mal-kumpannija attrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jilqa' t-talba tas-socjeta ghar-ragunjiet fuq imsemmija u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' dsatax-il lira Maltija (Lm19) hsara li kkaguna fuq propjeta tas-socjeta attrici.

L-ispejjez, ghat-tenur ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 380, jithallsu mill-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**